II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/275

tat-22 ta' Frar 2021

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/2063.

(2) Fis-7 ta' Diċembru 2020, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li ddikjarat li l-elezzjonijiet Venezwelani tas-6 ta' Diċembru 2020 għall-Assemblea Nazzjonali sfortunatament saru mingħajr qbil nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet elettorali, naqsu milli jikkonformaw mal-istandards internazzjonali minimi għal proċess kredibbli, u naqsu milli jimmobilizzaw lill-poplu Venezwelan biex jipparteċipa. Id-dikjarazzjoni ssottolinjat li dan in-nuqqas ta' rispett għall-pluraliżmu politiku u l-iskwalifika, u l-prosekuzzjoni, tal-mexxejja tal-oppożizzjoni ma jippermettux lill-Unjoni tirrikonoxxi dan il-proċess elettorali bħala kredibbli, inklużiv jew trasparenti, u r-riżultati tiegħu bħala rappreżentattivi tar-rieda tal-poplu Venezwelan.

(3) Fis-6 ta' Jannar 2021, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ it-tieni dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni dwar l-elezzjonijiet Venezwelani għall-Assemblea Nazzjonali, li ssottolinjat id-dispjaċir kbir tal-Unjoni li l-Assemblea Nazzjonali bdiet il-mandat tagħha fil-5 ta' Jannar 2021 abbażi tal-elezzjonijiet mhux demokratiċi. Huwa indika wkoll li l-elezzjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali eletta fl-2015 kienu l-aħħar espressjoni ħielsa tal-Venezwelani fi proċess elettorali. Finalment, id-dikjarazzjoni semmiet li l-Unjoni kienet lesta li tieħu miżuri mmirati addizzjonali.

(4) Fil-25 ta' Jannar 2021, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-Venezwela, fejn iddikjara li l-Unjoni jiddispjaċiha ħafna li l-elezzjonijiet leġiżlattivi tas-6 ta' Diċembru 2020 kienu opportunità mitlufa għad-demokrazija, saru mingħajr qbil nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet elettorali, u naqsu milli jikkonformaw mal-istandards internazzjonali għal proċess demokratiku. Barra minn hekk, il-Kunsill issottolinja li d-drittijiet tal-bniedem iridu jiġu rispettati. Iddikjara wkoll li ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni għall-kriżi politika fil-Venezwela jekk iċ-ċittadini tagħha jibżgħu li jiġu arrestati u ppersegwitati, inkluż il-familji tagħhom, talli jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom.

([1]) ĠU L 295, 14.11.2017, p. 21.

(5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2021 indikaw li, fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed tiddeterjora tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija fil-Venezwela, l-Unjoni tinsab lesta li tadotta miżuri restrittivi mmirati addizzjonali kontra dawk li jdgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt u dawk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Dawn il-miżuri huma mfassla biex ma jagħmlux ħsara lill-popolazzjoni Venezwelana, u jistgħu jiġu revokati.

(6) F'dan il-kuntest, u fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fil-Venezwela, jenħtieġ li 19-il persuna jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li jinsabu fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063.

(7) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 huwa emendat kif jinsab fl-Anness

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

Il-persuni li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"37.	Remigio CEBALLOS ICHASO	Data tat-twelid: 1 ta' Mejju 1963 Numru tal-karta tal-identità: V-6557495 Sess: raġel	Kmandant tal-Kmand Operazzjonali u Strateġiku tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani tal-Venezwela (*Comando Estratégico Operacional Fuerzas Armadas Nacionales Bolivarianas* (CEOFANB)), l-ogħla organu fil-Forzi Armati Venezwelani, minn Ġunju 2017. Is-CEOFANB jikkontrolla l-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani (FANB) u l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Is-CEOFANB huwa wkoll responsabbli għall-koordinazzjoni tal-interventi tal-FANB fid-dimostrazzjonijiet. Fil-pożizzjoni tiegħu bħala kmandant tas-CEOFANB huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-użu ta' forza eċċessiva u t-trattament inuman u degradanti minn uffiċjali tal-FANB u minn forzi subordinati taħt il-kmand tiegħu, inkluż il-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Sorsi varji, inkluż il-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti dwar ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, jattribwixxu ksur tad-drittijiet tal-bniedem lill-FANB u l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana.	22.2.2021
38.	Omar José PRIETO FERNÁNDEZ	Data tat-twelid: 25 ta' Mejju 1969 Numru tal-karta tal-identità: V-9761075 Sess: raġel	Gvernatur tal-Istat ta' Zulia minn Diċembru 2017. F'din il-pożizzjoni huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-Istat ta' Zulia. Huwa ngħata l-ġurament mill-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali (ANC) mhux rikonoxxuta, wara li r-rebbieħ leġittimu tal-elezzjoni rrifjuta li jieħu l-ġurament tal-ħatra quddiem l-ANC. Omar José Prieto Fernández ippromwova b'mod attiv l-elezzjonijiet mhux demokratiċi għall-Assemblea Nazzjonali li saru fis-6 ta' Diċembru 2020. Barra minn hekk, huwa hedded lil mexxejja tal-oppożizzjoni bi "żjarat id-dar" fl-Istat ta' Zulia u ddikjara li jekk gvern interim immexxi minn Juan Guaidó jieħu l-poter, huwa jiddikjara l-Istat ta' Zulia bħala indipendenti.	22.2.2021
39.	José Dionisio BRITO RODRÍGUEZ	Data tat-twelid: 15 ta' Jannar 1971 Numru tal-karta tal-identità: V-8263861 Sess: raġel	Membru tal-Assemblea Nazzjonali mhux eletta demokratikament u president tal-kummissjoni parlamentari li tinvestiga l-"azzjonijiet imwettqin kontra r-Repubblika" minn membri tal-Assemblea Nazzjonali eletta fl-2015. Barra minn hekk, José Dionisio Brito Rodríguez assuma b'mod illeġittimu t-tmexxija tal-partit tal-oppożizzjoni *Primero Justicia*, minħabba deċiżjoni tal-Qorti Suprema ta' Ġunju 2020. Fl-2019, huwa ġie mkeċċi mill-Primero Justicia minħabba allegazzjonijiet ta' korruzzjoni. Barra minn hekk, bħala membru tal-Assemblea Nazzjonali fil-5 ta' Jannar 2020 huwa pparteċipa fl-elezzjoni illeġittima ta' Luis Eduardo Parra Rivero bħala l-President tal-Assemblea Nazzjonali, u b'hekk dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. L-elezzjoni saret hekk kif l-aċċess ta' diversi membri parlamentari għall-bini tal-Assemblea Nazzjonali ġie mblokkat mill-pulizija militari, u mingħajr ma ntlaħaq kworum. Għalhekk il-membri tal-oppożizzjoni kellhom jorganizzaw ruħhom barra mill-bini tal-Assemblea Nazzjonali biex jeleġġu mill-ġdid lil Juan Guaidó bħala l-President tagħha. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	22.2.2021

40.	José Bernabé GUTIÉRREZ PARRA	Data tat-twelid: 21 ta' Diċembru 1952 Numru tal-karta tal-identità: V-1565144 Sess: raġel	Membru tal-Assemblea Nazzjonali mhux eletta demokratikament u kap illeġittimu tal-partit tal-oppożizzjoni *Acción Democrática*. José Bernabé Gutiérrez Parra ħa kontroll illeġittimu tal-partit tal-oppożizzjoni *Acción Democrática* f'Ġunju tal-2020 permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti Suprema. Bi ksur tal-pożizzjoni tal-partit qabel ma ħa l-kontroll, Gutiérrez Parra pparteċipa mal-*Acción Democrática* fl-elezzjonijiet mhux demokratiċi tal-Assemblea Nazzjonali li saru fis-6 ta' Diċembru 2020. Gutiérrez Parra biddel il-pożizzjoni tal-partit, uża s-simboli tiegħu u pparteċipa fl-elezzjonijiet u f'avvenimenti pubbliċi bħal dibattiti fuq it-televiżjoni. Gutiérrez Parra ġie mkeċċi mill-partit minn membri leġittimi ta' *Acción Democrática* li sejħu l-azzjonijiet tiegħu bħala konfoffa u tradiment. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	22.2.2021
41.	Luis Fernando DAMIANI BUSTILLOS	Data tat-twelid: 27 ta' April 1946 Sess: raġel	Imħallef tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, huwa responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u sentenzi li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa appoġġa u ffaċilita d-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	22.2.2021
42.	Lourdes Benicia SUÁREZ ANDERSON	Data tat-twelid: 7 ta' Marzu 1965 Sess: mara	Imħallef tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, hija responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u deċiżjonijiet li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tagħha għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u hi appoġġat u ffaċilitat id-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	22.2.2021
43.	Calixto Antonio ORTEGA RÍOS	Data tat-twelid: 12 ta' Ottubru 1950 Sess: raġel	Imħallef tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, huwa responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u sentenzi li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika	22.2.2021

			f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa appoġġa u ffaċilita d-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	
44.	René Alberto DEGRAVES ALMARZA	Sess: raġel	Imħallef tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, huwa responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u sentenzi li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa appoġġa u ffaċilita d-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	22.2.2021
45.	Arcadio DELGADO ROSALES	Data tat-twelid: 23 ta' Settembru 1954 Sess: raġel	Imħallef u Viċi President tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, huwa responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u sentenzi li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa appoġġa u ffaċilita d-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	22.2.2021
46.	Carmen Auxiliadora ZULETA DE MERCHÁN	Data tat-twelid: 13 ta' Diċembru 1947 Sess: mara	Imħallef tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)). Bħala membru tal-Kamra Kostituzzjonali tal-Qorti Suprema, hija responsabbli għal azzjonijiet, dikjarazzjonijiet u deċiżjonijiet li użurpaw il-poteri kostituzzjonali tal-Assemblea Nazzjonali u dgħajfu d-drittijiet elettorali tal-oppożizzjoni inkluż il-ħatra unilaterali mill-Qorti Suprema tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) f'Ġunju 2020 u s-sospensjoni u s-sostituzzjoni unilaterali tat-tmexxija ta' tlieta mill-partiti ewlenin tal-oppożizzjoni demokratika f'Ġunju u Lulju 2020. L-azzjonijiet tagħha għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u hi appoġġat u ffaċilitat id-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt mill-fergħa tal-eżekuttiv.	22.2.2021

47.	Indira Maira ALFONZO IZAGUIRRE	Data tat-twelid: 29 ta' April 1968 Post tat-twelid: La Guaira (Stat ta' La Guaira, Venezwela) Numru tal-karta tal-identità: V-6978710 Sess: mara	President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) mit-13 ta' Ġunju 2020. Eks membru tal-Kamra Elettorali u l-Awla Plenarja tal-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)), it-Tieni Viċi President tat-TSJ mill-2015 sal-24 ta' Frar 2017, Viċi President tat-TSJ mill-24 ta' Frar 2017 sat-12 ta' Ġunju 2020. Bħala membru tal-Kamra Elettorali tat-TSJ, Indira Maira Alfonzo Izaguirre hija responsabbli għall-azzjonijiet meħuda kontra l-Assemblea Nazzjonali li kienet għadha kemm ġiet eletta f'Diċembru 2015, li għamlitha impossibbli għall-Assemblea Nazzjonali li teżerċita l-poter leġiżlattiv tagħha. Barra minn hekk, hija aċċettat il-ħatra tagħha bħala l-president tas-CNE f'Ġunju 2020 mit-TSJ għalkemm din il-prerogattiva tappartjeni għall-Assemblea Nazzjonali. F'dan ir-rwol hija ħejjiet u ssorveljat l-elezzjonijiet mhux demokratiċi tal-Assemblea Nazzjonali li saru fis-6 ta' Diċembru 2020 u pparteċipat fil-bidla tat-30 ta' Ġunju 2020 għan-normi elettorali għal dawn l-elezzjonijiet. L-azzjonijiet tagħha għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	22.2.2021
48.	Leonardo Enrique MORALES POLEO	Sess: raġel	Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) mis-7 ta' Awwissu 2020 u President tal-Kummissjoni tal-Parteċipazzjoni Politika u l-Finanzjament. Leonardo Enrique Morales Poleo inħatar Viċi President tas-CNE u President tal-Kummissjoni tal-Parteċipazzjoni Politika u l-Finanzjament fis-7 ta' Awwissu 2020 mill-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)) għalkemm din il-prerogattiva tappartjeni għall-Assemblea Nazzjonali. Barra minn hekk, eżatt qabel il-ħatra tiegħu huwa serva fil-Partit Progressiv Avvanzat (*Avanzada progresista*). Bħala membru tas-CNE, huwa ħa sehem bis-sħiħ fis-superviżjoni tal-proċess elettorali li wassal għall-elezzjonijiet mhux demokratiċi tal-Assemblea Nazzjonali fis-6 ta' Diċembru 2020. L-azzjonijiet tiegħu għalhekk dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.	22.2.2021
49.	Tania D'AMELIO CARDIET	Data tat-twelid: 5 ta' Diċembru 1971 Post tat-twelid: l-Italja Nazzjonalità: Venezwelana Numru tal-karta tal-identità: V-11691429 Sess: mara	Membru (Rettur) tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (*Consejo Nacional Electoral* (CNE)) għall-perjodu 2016-2023. Eks-Membru (Rettur) tas-CNE għall-perjodu 2010-2016. Tania d'Amelio Cardiet, bħala rettur tas-CNE mill-2010, ikkontribwiet direttament permezz tal-attività tagħha fil-funzjonijiet tagħha għad-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi ħejjiet l-elezzjonijiet mhux demokratiċi tal-Assemblea Nazzjonali tal-2020, ipparteċipat fil-bidla tat-30 ta' Ġunju 2020 għan-normi elettorali għal dawn l-elezzjonijiet, u pparteċipat fl-organizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2018. Barra minn hekk, d'Amelio Cardiet aċċettat il-ħatra tagħha tal-2016 fis-CNE mill-Qorti Suprema (*Tribunal Supremo de Justicia* (TSJ)), għalkemm din il-prerogattiva tappartjeni għall-Assemblea Nazzjonali.	22.2.2021
50.	José Miguel DOMÍNGUEZ RAMÍREZ	Data tat-twelid: 17 ta' Ottubru 1979 Numru tal-karta tal-identità: V-14444352 Sess: raġel	Direttur tal-Forzi ta' Azzjoni Speċjali (*Fuerzas de Acciones Especiales* (FAES)) mis-6 ta' Mejju 2019. Eks-Kummissarju Ewlieni tal-FAES fl-Istat ta' Táchira. Barra minn hekk, José Miguel Domínguez Ramírez kien id-Direttur tal-Operazzjonijiet tal-FAES, li jaqgħu taħt il-Pulizija Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela. Responsabbli għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-ripressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela mwettqa mill-uffiċjali tal-	22.2.2021

			FAES taħt l-awtorità tiegħu. L-FAES huma magħrufa għall-qtil extraġudizzjarju u r-rwol vjolenti tagħhom fit-trażżin tad-dissens mill-avversarji politiċi ta' Maduro, l-oppożizzjoni, u d-dimostranti, u huwa għalhekk li Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet talbet ix-xoljiment tal-FAES. Barra minn hekk, preċedentement, Domínguez Ramírez kien membru tat-tim tas-sigurtà tal-Venezwela li fetaħ in-nar fuq l-istudenti dimostranti mhux armati fit-12 ta' Frar 2014, li rriżulta fil-mewt ta' mill-inqas wieħed mill-istudenti, Bassil Da Costa.	
51.	Carlos Ramón Enrique CARVALLO GUEVARA	Numru tal-karta tal-identità: V-10132041 Sess: raġel	Ġeneral tad-Diviżjoni, u mill-21 ta' Awwissu 2020, Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)). Suċċessur tal-Ġeneral Rafael Ramón Blanco Marrero. Preċedentement, Carlos Ramón Enrique Carvallo Guevara serva fid-DGCIM fir-reġjun ta' Los Andes, u okkupa pożizzjoni ta' kariga għolja fil-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela mwettqa minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Fis-sejbiet ippubblikati reċentement tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, id-DGCIM huwa kkaratterizzat bħala istituzzjoni direttament responsabbli għat-twettiq ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem.	22.2.2021
52.	Jesús Emilio VÁSQUEZ QUINTERO	Numru tal-karta tal-identità: V-7422049 Sess: raġel	Ġeneral tad-Diviżjoni mill-5 ta' Lulju 2019 u Avukat Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Militari minn Diċembru 2017. Bħala Avukat Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Militari kien responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Militari kien marbut ma' prosekuzzjoni ġudizzjarja interna fil-Forzi Armati, u nuqqasijiet li jinvestiga inċidenti, inkluż il-każ tal-mewt tal-kaptan Acosta fl-2019. Barra minn hekk, il-ġustizzja militari qed tiġi applikata għal persuni ċivili.	22.2.2021
53.	Carlos Enrique TERÁN HURTADO	Numru tal-karta tal-identità: V-8042567 Sess: raġel	Brigadier Ġeneral mill-5 ta' Lulju 2019 u kap tad-Direttorat Speċjali tal-Investigazzjoni Kriminali tad-Direttorat Ġenerali tal-Counter-Intelligence Militari (*Dirección General de Contrainteligencia Militar* (DGCIM)) mill-2019. Fil-funzjonijiet preċedenti, il-Brigadier Ġeneral Carlos Enrique Terán Hurtado serva bħala kap tal-pulizija fl-istat ta' Falcón u kap tad-DGCIM fl-istat ta' Táchira. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż trattament krudili u inuman ta' detenuti, imwettqa minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Fis-sejbiet dettaljati tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, il-Brigadier Ġeneral Terán Hurtado huwa speċifikament indikat bħala wieħed mill-atturi responsabbli, u huwa marbut mal-każ tal-kaptan de la Sotta.	22.2.2021

54.	Manuel Eduardo PÉREZ URDANETA	Data tat-twelid: 29 ta' Diċembru 1960 jew 26 ta' Mejju 1962 Post tat-twelid: Cagua, Stat ta' Aragua Numru tal-karta tal-identità: V-6357038 Numru tal-passaport: 001234503 (skada fl-2012) Sess: raġel	Viċi Ministru għall-Intern u l-Ġustizzja mis-7 ta' April 2015. Fi ħdan il-Ministeru għall-Intern u l-Ġustizzja tal-Venezwela, il-Brigadier Ġeneral Manuel Eduardo Pérez Urdaneta jikklassifika bħala wieħed mill-ħames Viċi Ministri. Il-portafoll tiegħu jinkludi s-Sigurtà Preventiva u s-Sikurezza Pubblika (*Viceministro de prevención y Seguridad Ciudadana*). Preċedentement, il-Brigadier Ġeneral Pérez serva bħala Direttur tal-Pulizija Nazzjonali Bolivarjana. F'dan ir-rwol kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-użu ta' forza fiżika severa kontra dimostranti paċifiċi, imwettaq minn uffiċjali tal-Pulizija Nazzjonali Bolivarjana taħt l-awtorità tiegħu.	22.2.2021
55.	Douglas Arnoldo RICO GONZÁLEZ	Data tat-twelid: 28 ta' Settembru 1969 Numru tal-karta tal-identità: V-6864238 Sess: raġel	Direttur tal-Korp tal-Investigazzjonijiet Xjentifiċi, Penali u Kriminali (*Cuerpo de Investigaciones Científicas, Penales y Criminalísticas* (CICPC)) mill-5 ta' Frar 2016. Qabel, huwa aġixxa bħala viċi direttur tas-CICPC. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, minn uffiċjali tas-CICPC taħt l-awtorità tiegħu. Ir-rapport tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti għat-Tiftix tal-Fatti fir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela jikkaratterizza lis-CICPC bħala istituzzjoni li twettaq ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela.	22.2.2021".